**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 436/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Ritianne Gauci)**

**-Vs-**

**JOSEF BONNICI**

**AOSAMA ELNAIB**

**Illum, 7 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEF BONNICI**, ta' 38 sena iben Agnese nee' Bonnici, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Ottubru 1983, li joqgħod ġewwa 9, Sqaq Ħas Sajjied Nru. 2, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 533083M, u **AOSAMA ELNAIB**, Iben Nasser Mohamed u Agnese nee' Bonnici, imwieled il-Pieta' nhar il-21 ta' Awwissu 1996, li joqgħod ġewwa 9, Sqaq Ħas Sajjied Nru. 2, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 357296M, li ġew akkużati talli nhar l-14 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tat-3 :3- ta' wara nofsinhar ġewwa Triq is-Santwarju, Birkikara:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkgunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Darren Sawyer, skont kif iċċertifikat minn Dr Thomas Armatys (Meg. Reg. 2783) u dan ai termini tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, hebbew għal Darren Sawyer, sabiex jinġurjawħ, idejquħ, jew jagħmlulu ħsara;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament, ksirtu l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

Il-Qorti kienet miltuba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħatja jħallsu d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Darren Sawyer jew għaż-żamma ta' l-ordni pubblika u għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Art. 412C tal-Kap 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Art. 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra l-akkużi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2024 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 339 (d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(h) Fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024 li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2025;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ jikkonċerna ġlieda li seħħet fl-istabbiliment ossia każin tal-Għaqda Mużikali Santa Elena, magħruf bħala 'Tal-Bagri' ġewwa Birkirkara li fiha weġġa'

Darren Sawyer, fost persuni oħrajn[1]. Din il-ġlieda jidher li kienu involuta fiha diversi persuni.

Hija t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat Aosama Elnaib kellu argoment ma' Darren Sawyer u Aaron Vella ġewwa l-każin, liema ġlieda kompliet fuq barra, fit-triq wara l-każin, f'liema stadju indaħal ukoll ħuh, l-imputat l-ieħor Josef Bonnici, u xi oħrajn minn ħuthom. Tikkontendi li Darren Sawyer ġie msawwat miż-żewġ imputati u b'riżultat ġarrab offiżi ta' natura gravi.

Il-Qorti biex tistabbilixxi l-fatti tal-każ, u konsegwentement il-ħtija o meno tal-imputati għar-reati lilhom addebitati, trid tibda billi tanalizza t-testimonjanza tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-provi proċesswali kollha, inkluż l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati matul l-interrogazzjoni.

**L-uffiċjali tal-Pulizija** li kienu fuq il-post għaż-żamma tal-buon ordni u kienu intervjenew biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni meta nqalgħet il-ġlieda fil-każin[2], ilkoll xehdu li kienu sabu kommissjoni kbira ġewwa l-każin, b'ħafna għajjat u storbju. Ġie stabbilit illi kien hemm ħafna rġiel qegħdin jiġġieldu u jargomentaw, u l-Pulizija bdew ikeċċu n-nies 'il barra. Wara li rnexxielhom iżammu l-kalma, ġew infurmati li l-ġlieda reġgħet bdiet wara ftit tal-ħin, fit-triq wara l-każin, Triq is-Santwarju, fejn hemmhekk kienu sabu żewġ persuni, Darren Sawyer, li kien mimli bid-demm fuq ġismu kollu, u Aaron Vella li ma kienx imweġġa'. Kien hemm ukoll in-nisa rispettivi tagħhom. Darren Sawyer kellu qasma kbira fuq il-qurriegħa fost feriti oħrajn[3].

**Aaron Vella** xehed illi kien qiegħed ma' Darren Sawyer u t-tfajla tiegħu fil-każin 'Tal-Bagri' fl-14 ta' Awwissu 2022 meta nqala' argument bejnhom u ż-żewġ imputati ħdejn it-toilets fuq ġewwa. Imbagħad indaħlu xi aħwa oħrajn tal-imputati fosthom Omar u Akram, u l-ġlieda kibret, bdiet ġewwa u tkompliet barra l-każin. Huwa ra lil "*kulħadd*

---

[1] Inkluż l-imputat Aosama Elnaib; ara stqarrija Dok. RG6 u Irene Debono, ara rapport tal-okkorrenza Dok. CS1.
[2] PS 902 Karol Spiteri, PS 506 Derek Bugeja, PC 1311 Samuel Farrugia, PC 741Keith Vassallo u PC 985 Owen Cutajar.
[3] Ara xhieda ta' PS 902 Karol Spiteri.

*jagħti*" u ma tax kas min kien ta d-daqqiet li qala' Darren Sawyer fuq rasu, iżda dak il-ħin kien hemm iż-żewġ imputati kif ukoll Omar, Akram, persuna oħra minn Birkirkara u persuna oħra li ma jafx min hi. Mistoqsi speċifikatament mingħand min Darren Sawyer kien qala' d-daqqiet f'rasu, ix-xhud wieġeb "*Kollha hux, kulħadd beda jagħti ... kulħadd beda jagħti bl-idejn*" ħlief hu stess u t-tfajla ta' Darren. Lill-imputat Aosama Elnaib huwa identifikah bħala l-persuna li magħha bdiet il-ġlieda u bħala waħda mill-persuni li beda jagħti d-daqqiet lil Darren b'idu, iżda ppreċiża li l-imputat ma kienx waħdu meta kien qed jagħti b'idu lil Darren u kien hemm persuni oħrajn li kienu qed jagħtu daqqiet lil Darren.

**Darren Sawyer**, il-vittma, xehed illi kien fit-toilet tal-każin flimkien ma' Aaron Vella u kien hemm xi ħadd qed iħabbat fuq il-bieb iżda l-persuna ma jafhiex u eskluda li kellu xi argoment ma' din l-istess persuna. Xehed li huwa qala' d-daqqiet kif ħareġ 'il barra mill-każin għaliex meta kien għadu ġewwa ma qala' daqqiet mingħand ħadd. Ippreċiża li huwa qatt ma ried ikun jaf min huma l-persuni li tawh id-daqqiet u li weġġgħuh, għaliex għandu l-familja u t-tfal u ma riedx inkwiet u l-istorja kienet waqfet hemmhekk.

**Irene Debono** xehdet illi kienet ma' Darren Sawyer u Aaron ħdejn it-toilets tal-każin u nqalgħet ġlieda fejn Aosama Elnaib, li ġie identifikat minnha bħala l-ko-imputat, ried imur għal Aaron u qabdu minn wiċċu, iżda l-istorja kienet spiċċat hemm. Sussegwentement inqalgħet kommossjoni ġewwa l-każin fejn kien involut Aaron u kien hemm ħafna konfużjoni iżda ġew il-Pulizija u kkalmaw is-sitwazzjoni. Imbagħad, meta ħarġu mill-każin min-naħa ta' wara biex imorru lejn id-dar, rat konfużjoni sħiħa, għajjat, storbju u ġlied kbir u rat lil Aaron u Darren jiġġieldu ma' ħafna persuni li ma tagħrafhomx għaliex ma tafx min huma u għalhekk ma tistax tgħid min iġġieled ma' min. Dak il-ħin xi ħadd ġibidha minn wara u niżżilha mal-art iżda ma tafx min kien l-aggressur. Irene Debono kkonfermat illi rat lil Aosama Enaib biss fl-episodju tat-toilet u mhux ukoll fil-ġlied li seħħ wara.

**Omar Bonnici**, ħu l-imputati, xehed illi meta wasal fuq il-post wara li kien ċempillu ħuh Akram biex jgħidlu li ħuhom l-ieħor, Aosama, qed jiġġieled, kien sab lil Aosama ma' sħabu barra l-każin u kien spjegalu li meta mar iħabbat fuq il-bieb tat-toilet kienu tawh daqqa ta' ponn. Hu ra li ħuh kien ferut u kellu daqqa ta' ponn f'wiċċu. Wara ftit, ħareġ Aaron Vella minn ġewwa l-każin b'grupp ta' nies miegħu, madwar ħmistax-il ruħ u kien ikkonfronta lil Aaron dwar dak li kien għamel lil ħuh. Ftit wara, ħareġ Darren Sawyer u t-tnejn li huma bdew jgħajtu. Imbagħad ġie Aosama ħdejhom u beda jikkonfronta lil Aaron dwar id-daqqa ta' ponn li kien tah qabel għalxejn, u bdew jgħollu leħinhom, iżda hu qabad lil ħuh u ħadu minn fuq il-post u warajhom ġew ħuthom l-oħrajn, Josef u Akram u telgħu kollha d-dar.

**Akram Elnaib**, li wkoll jiġi ħu l-imputati, xehed illi huwa kien id-dar meta rċieva telefonata biex jinżel Birkirkara għaliex kien hemm argoment bejn ħuh Aosama u Aaron Vella, 'il-Beraż', li huwa ħabib tal-familja. Meta niżel fuq il-post ra li kien hemm ħafna konfużjoni, bin-nies qed iżommu lil Aaron, u sab lil Aosama waħdu barra l-każin. Aosama qallu li kien ħabbat fuq il-bieb tat-toilet u li Aaron kien tah daqqa ta' ponn. Hu qal lil ħutu l-oħra li kienu fuq il-post, biex itellgħu lil Aosama d-dar u mar ikellem lil Aaron fejn intebaħ li kien fis-sakra u qallu li jippretendi iktar rispett mingħandu. Dan qalulu għaliex sadanittant oħtu kienet qaltlu li kienu daru għal Aosama. Aaron wieġbu li ma kienx jaf li Aosama kien ħuh iżda f'daqqa waħda intilef u bdew iżommuh in-nies u tqajmet konfuzjoni sħiħa għaliex barra kien hemm "*ruxmata ta' nies*" wara li ħareġ il-grupp ta' Aaron. Ix-xhud ikkonferma li hu ma kienx ra ebda ġlied bl-idejn u ma kienx ra dmija fuq xi ħadd ħlief fuq ħuh Aosama li kellu daqqa fuq għajnejh.

**L-imputat Aosama Elnaib**, fl-istqarrija li rrilaxxa fil-15 ta' Awwissu 2022 waqt li kien qed jiġi interrogat (Dok. RG6) jistqarr illi huwa kien fl-istabbiliment 'Tal-Bagri' fid-data u l-ħin tal-ġlieda u ma jiċħadx illi kien involut f'xi xejra ta' argoment u li sofra xi feriti ħfief. Meta ġie mistoqsi ir-raġuni l-għala ħa l-liġi b'idejh wieġeb hekk: "*Le jien mort inkellem lil Aaron biex nirranġaw l-affarijiet talli l-ieħor kien imbuttani u Aaron ħa l-liġi b'idejh u imbuttani u tani daqqa ta' ponn u mbagħad ġie l-ieħor u*

*daruni t-tnejn li huma*." Ir-referenza għat-"*tnejn li huma*" hija evidentement għal Aaron Vella u Darren Sawyer għaliex sussegwentement, dejjem fl-istess stqarrija, l-imputat Aosama Elnaib afferma illi kienu biss hu, Darren u Aaron li kienu ġġieldu u ma kien hemm ħadd iktar involut fl-argoment, anke meta l-ġlieda tkompliet fuq barra tal-istabbiliment.

**L-imputat Josef Bonnici**, fl-istqarrija tiegħu, ukoll rilaxxata fil-15 ta' Awwissu 2022 (Dok. RG7), iddikjara li waqt li kien għaddej wara l-każin qalulu li xi persuni kienu qed jiġġieldu ma' ħuh u għalhekk mar wara l-każin fejn sab lil ħuh Aosama u ħafna nies imferxin *"balla nies jagħtu u jiġġieldu"*. Hu daħal minn bejn in-nies u beda jiġbed lil ħuh biex jitilqu fejn f'daqqa u l-ħin, jara li Aaron u lil Darren ħerġin mill-isqaq jiġru u Darren waqa' fuq it-taraġ. Peress li kien jidher li qed ikun hemm l-inkwiet, qal lil ħuh biex jimxu 'l fuq iżda dak il-ħin ġiet persuna twila minn warajh, ixxejjer idejha lil ħuh u hu beda jxejjer idejh b'lura iżda rnexxielu jdaħħal lil Aosama fil-karozza, telqu minn fuq il-post u marru fid-dar ta' ommhom. Fuq il-post dak il-ħin kien hemm ukoll ħutu l-oħra, Omar u Acram. Stqarr li ma kienx ra demm fuq wiċċ Darren għaliex ma laħaqx rah għal ħafna ħin, u ma kienx jaf li l-ġlieda kienet daqshekk kbira. Lanqas jaf jekk ħuh kellux xi demm ma' ħwejġu jew ma' idejh. Hu kien ipprova jikkalma s-sitwazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni teħtiġilha tipprova, għal sejbien ta' ħtija fl-imputati jew xi ħadd minnhom għall-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9, li l-ko-imputati jew xi wieħed minnhom, ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor, ikkaġunaw xi offiża fuq il-persuna ta' Darren Sawyer. Din il-prova jinħtieġ li tilħaq il-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għal reat kriminali,

Jingħad, b'mod ġenerali, illi għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li

jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Illi minn eżami tax-xhieda fuq riprodotta u l-provi proċesswali, il-Qorti tqis illi huwa stabbilit bħala fatt ippruvat: (i) li nqala' argoment meta l-imputat Aosama Elnaib kien ħabbat fuq il-bieb tat-toilet tal-każin waqt li kien hemm ġewwa Darren Sawyer u Aaron Vella, u kien hemm konfront bejniethom fejn Aosama Elnaib qala' daqqa f'għajnejh; (ii) li seħħet taqtigħa ġewwa l-każin bejn persuni mhux identifikati, iżda ma kienx hemm ġlied bl-idejn u ħadd ma weġġa', għad li kien hemm ħafna konfużjoni, għajjat u storbju, (iii) li seħħet ġlieda oħra fuq barra tal-każin fejn kien hemm ħafna nies u ħafna kommossjoni, (iv) Darren Sawyer, Aaron Vella u -żewġ imputati kienu preżenti fuq il-lok tal-ġlieda li seħħet barra l-każin; (v) Darren Sawyer ġarrab diversi feriti inkluż laċerazzjoni fuq rasu li minnha kien qed jitlef ħafna demm.

Il-feriti li jidher li ġarrab Darren Sawyer f'din it-taqtigħa ġew ċertifikati minn Dr. Thomas Atmatys, it-tabib li kien eżaminah fid-Dipartiment tal-Emerġenza, bħala ġrieħi ta' natura gravi, jikkonsistu f'laċerazzjoni minn *blunt trauma* fuq in-naħa ta'

wara tar-ras li minħabba fiha kien hemm ħafna telf ta' demm, kif ukoll laċerazzjonijiet fuq is-seba' l-kbira u tbenġil madwar l-għajn tax-xellug[4].

Il-Qorti tibda biex tgħid u dan bla ebda tlaqliq, illi fir-rigward tal-imputat Josef Bonnici, il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova kwalsiasi li huwa kien jew seta' kien il-persuna li kkaġuna l-offiżi li ġew riskontrati fuq il-persuna ta' Darren Sawyer. Għalkemm Josef Bonnici stqarr huwa stess li kien fuq il-post u kien hu li pprova jiġbed lil ħuh il-ko-imputat minn fuq il-post biex itellgħu id-dar, ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma identifikah bħala persuna li kien preżenti fuq il-post, wisq inqas bħala xi ħadd li kien involut fil-ġlieda jew aggredixxa lil Darren Sawyer.

Fir-rigward tal-involviment tal-ko-imputat, Aosama Elnaib, kif rajna diġa', huwa stabbilit mill-provi li kien involut f'argoment ma' Aaron Vella u Darren Sawyer. Aaron Vella xehed illi identifika lil Aosama Elnaib bħala l-persuna li magħha bdiet il-ġlieda u bħala waħda mill-persuni li beda jagħti d-daqqiet lil Darren b'idu.

Madankollu, il-Qorti tqis li ma tistax tagħti piż probatorju lix-xhieda ta' Aaron Vella, wisq inqas safejn din tikkonċerna lill-imputati odjerni.  Mill-atti proċesswali jirriżulta li dan ix-xhud kien qed jitqies mill-Pulizija bħala persuna suspettata li kkommetta reat kriminali b'rabta mal-fatti tal-inċidenti li dwaru ġew mixlijin iż-żewġ imputati odjerni, tant illi l-Prosekuzzjoni kkonfermat li kien sejjer jiġi mixli fi proċeduri kriminali separati dwar dan l-istess każ li seħħ fl-14 ta' Awwissu 2022.  Huwa minnu li fiż-żmien meta xehed ix-xhud kien għadu ma ġiex effettivament mixli u kellu għalhekk fiċ-ċirkostanzi jitqies bħala persuna suspettata u mhux ko-akkużat, iżda dan ma jnaqqas xejn mill-prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat.  Fi kliem ieħor, dak li tgħid persuna akkużata je suspettata jgħodd biss fil-konfront tagħha.  Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda

[4] Ara xhieda ta' Dr. Thomas Atmatys, 18 ta' Jannar 2023 u ċertifikat Dok. RG1.

persuna oħra. Għalhekk, dak li jgħid ko-akkużat – u tabilħaqq Aaron Vella kien ser jiġi akkużat b'reati kriminali in konnessjoni mal-istess ġlieda - ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika ko-akkużat ieħor[5].

In tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[6].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis* u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

*"... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz ..."*

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis,* Anthony Galea** fil-25 ta' Marzu, 2019 ingħad ukoll:

---

[5] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.
[6] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

"*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi procedure separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*"

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Aaron Vella, li għażel li jixhed minkejja t-twissija li ngħatalu dwar il-jedd tas-silenzju spettanti lilu fiċ-ċirkostanzi bħala persuna li ser tiġi akkużata b'reati mnisslin minn egħmilu matul l-istess ġlieda mertu tal-akkużi odjerni, ma tistax tiswa bħala prova la favur u lanqas kontra persuni l-oħrajn li jkunu ko-akkużati dwar l-istess fatti. Huwa evidenti li dan il-prinċipju huwa marbut mal-konsiderazzjoni fost oħrajn li x-xhieda tal-ko-akkużat li ma jkunx għadu kkundannat jew liberat mill-akkużi dwar l-istess fatti, anke jekk mixli fi proċeduri kriminali separati iżda dejjem dwar l-istess fatti, tkun invarjabbilment imniġġsa bl-inklinazzjoni naturali li tintefa' l-ħtija fuq l-akkużat l-ieħor biex b'hekk jinħeles mill-akkużi jew jakkwista xi temperament fil-piena a skapitu tal-ko-akkużat tiegħu.

Fl-istess waqt iżda, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fi kwalsiasi każ, Aaron Vella fix-xhieda tiegħu ippreċiża li l-imputat Aosama Elnaib ma kienx waħdu meta kien qed jagħti b'idu lil Darren u kien hemm persuni oħrajn li kienu qed jagħtu daqqiet lil Darren[7]. Dan ġie affermat minn Irene Debono li kkonfermat illi barra l-każin kien hemm ħafna konfużjoni, għajjat, storbju Aaron u Darren kienu qed jiġġieldu ma' ħafna persuni, liema persuni madanakollu ma tagħrafhomx għaliex ma tafx min huma. Ikkonfermat b'mod speċifiku li ma kienetx rat lill-imputat Aosama Elnaib f'dik it-taqtigħa. Kif taraha l-Qorti, il-fatt li Irene Debono ma identifikatx lill-imputat Aosama Elnaib bħala l-persuna li kien qed jiġġieled ma' Aaron Vella u Darren Sawyer barra l-każin, meta kienet għarfitu pożittivament bħala l-persuna li qabel kellu xi jgħid magħhom meta kienu fit-toilets, ikompli tnaqqas il-konvinċiment tal-Qorti li kien l-

[7] Ara xhieda ta' Aaron Vella, 29 ta' Awwissu 2022, paġna 53 tal-atti tal-kawża.

imputat Aosama Elnaib u mhux ħaddieħor, li kkaġuna l-offiżi mġarrba minn Darren Sawyer.

B'zieda ma' dan għandu jingħad ukoll illi lanqas il-vittma nnifsu, Darren Sawyer, meta xehed quddiem il-Qorti, ma identifika lill-aggressur tiegħu: kemm hu hekk, hu qal li ma jafx min hi l-persuna li kienet ħabbtet mal-bieb tat-toilet u qatt ma ried ikun jaf min kienu l-persuni li tawh id-daqqiet. Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi x-xhieda ta' Darren Sawyer hija konsistenti mal-verżjoni li kien ta lill-Pulizija meta kien qed jiġi rikoverat fl-Isptar wara l-inċident[8]: fil-verżjoni tiegħu kif rapportat fl-okkorrenza, Darren Sawyer la kien semma min kienet il-persuna li ħabbtet fuq il-bieb tat-toilet u lanqas il-persuna jew persuni li tawh id-daqqiet barra l-każin, u ma kienx identifika lill-ko-imputati bħala persuni li kienu ġġieldu miegħu, wisq inqas bħala l-aggressuri li kkaġunawlu xi ferita minn dawk li ġarrab waqt il-ġlieda. Minflok, f'dik il-verżjoni huwa kien iddikjara li t-taqbida bdiet meta 'Omar tat-Tattoos' kien ġie fuqu meta kien barra l-każin u kien imdawwar b'ħutu. L-uffiċjali tal-Pulizija li kienu marru fuq il-post biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni, ilkoll xehdu quddiem il-Qorti li dak il-ħin meta kien ġie mistoqsi min ikkaġunalu l-feriti evidenti li kien ġarrab fil-ġlieda, Darren Sawyer kien semma' lil Omar tat-Tattoos.

Huwa minnu illi l-imputat Aosama Elnaib stqarr waqt l-interrogazzjoni li l-argoment kien biss bejnu, Darren Sawyer u Aaron Vella u ma kienx hemm persuni oħrajn involuti, u stqarr ukoll illi t-tnejn li huma kienu daru għalih, iżda għall-Qorti din m'hijiex u ma tista' qatt titqies bl-ebda mod bħala konfessjoni li kien hu li aggredixxa lil Darren Sawyer u kkaġunalu l-offiżi li dwarhom qed jiġi mixli. Fil-fehma tal-Qorti l-konfessjoni tal-ħtija kriminali trid tkun magħmula u mfassla b'mod li ma tħalli lok għal ebda ekwivoku li s-suspettat jew l-akkużat ikun qed jammetti l-ħtija tiegħu dwar ir-reati jew dwar il-fatti kostituttivi tar-reati li qed jiġi investigat jew akkużat dwarhom.

---

[8] Ara rapport tal-okkorrenza Dok. CS1.

Fil-fehma tal-Qorti u applikat dan l-insenjament, id-dikjarazzjoni ġenerika jew ġenerali tal-imputat odjern, Aosama Elnaib, li hu biss kien involut fl-argoment mal-vittma u ma' Aaron Vella, mingħajr ebda riferenza għall-offiżi li ġarrab Darren Sawyer u fid-dawl tal-fatt li irrifjuta li jwieġeb jekk il-vittma sofriex ġrieħi b'riżultat tal-imsemmi argoment, m'hijiex biżżejjed biex tinstawra konvinċiment morali f'moħħha li kien l-imputat Aosama Elnaib li kkaġuna l-offiżi riskontrati fuq Darren Sawyer.

F'vena simili, din il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Elliot Magro) v. Jean-Morel Raymond Ernest Serge** kienet irriteniet:-

*"Fil-fehma tal-Qorti, il-konfessjoni tal-persuna suspettata jew imputata trid tkun skjetta u speċifika meta si tratta tat-twettiq ta' ħsara f'postijiet differenti u meta l-ħsara qed jiġi allegat li saret f'elfejn oġġett differenti. L-ammissjoni ġenerali tal-persuna li mijiet jew eluf ta' marki biż-zebgħa ta' kulur aħmar mifruxin ma' Malta, Għawdex u Kemmuna saru minnu, mingħajr ma jiġi muri u mingħajr ma jidentifika kull istanza ta' ħsara li jkun qed jiġi suspettat jew mixli bit-twettiq tagħha u li jkun qed jammetti l-ħtija dwarha, ma tgħoddx u ma tiswix, ħlief għal dawk l-istanzi ta' ħsara li saret konfessjoni speċifika u infurmata dwarhom, f'dan il-każ is-sinjali taż-żebgħa li ntwerew mill-uffiċjali tal-inforzar tal-liġi lill-imputat fiżikament fuq is-sit u li ammetta li għamilhom hu personalment."*[9]

Dan il-konvinċiment, jew nuqqas tiegħu, ikompli jiġi mnaqqax meta jiġi kkunsidrat illi l-provi jistabbilixxu inkonfutabbilment illi l-ġlieda bl-idejn fuq barra l-każin kienu involuti fiha numru ta' persuni, u dan skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Aaron Vella, Irene Debono, Akram Bonnici u Omar Bonnici, kif ukoll mill-istqarrija ta' Josef Bonnici.

Kollox magħdud, il-Qorti ma tistax serenament u b'xi serħan tal-moħħ tqis li dak li ġie mistqarr mill-imputat Aosama Elnaib waqt l-interrogazzjoni bħala ammissjoni li kkaġuna huwa stess il-feriti lil Darren Sawyer. Wisq inqas tista' tasal għal din il-

[9] Deċiża fil-15 ta' Diċembru 2023.

konklużjoni meta hija fehmet mill-assjem tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess imputat fl-istqarrija tiegħu, li l-argoment żvolġa fil-ġlieda fuq barra għaliex Aaron Vella, u mhux Darren Sawyer, kien imbuttah u tah daqqa ta' ponn. Ix-xhieda ta' Darren Sawyer innifsu, li mhux biss eskluda li kellu xi argoment jew li ġġieled mal-persuna li kienet ħabbtet fuq il-bieb tat-toilet oriġinarjament, talli - kif jirriżulta mix-xhieda - kien semma lil Omar tat-Tattoos meta ġie mistoqsi minn ikkaġunalu l-ġrieħi, tkompli ssaħħaħ din il-fehma.

Il-Qorti hawnhekk tirribadixxi illi ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, għajr għal Aaron Vella, ma ddikjara li ra lill-imputat Aosama Elnaib jaghti xi daqqiet lill-vittma iżda kif diġa' ġie stabbilit, l-istqarrijiet magħmula minn dan l-istess xhud, meta kien qed jitqies ukoll bħala persuna suspettata li kkommettiet reat kriminali b'rabta mal-istess fatti, ma jistgħu jitqiesu la bi preġudizzju u lanqas favur il-ko-imputat jew il-ko-suspettat.

Il-Qorti rat ukoll il-filmati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq CD[10] u l-fotogrammi li nħarġu mill-espert ġudizzjarju, iżda diffiċilment huma identifikabbli l-persuni involuti fit-taqtigħa li tidher tiżvolġi ġewwa l-każin (Cam 12), filwaqt li l-filmati li juru l-parti ta' barra fuq wara tal-każin (Cam 7), ma jaqbdu ebda ġlied jew daqqiet. Iktar minn hekk, huwa eskluż li ż-żewġ persuni li jidhru kjarament fil-ħin ta' 15:29h barra l-każin huma l-imputati u fi kwalsiasi każ, huma min huma, dawn il-persuni ma jidhru bl-ebda mod midruba, wisq inqas ma jidher xi ħadd minnhom "*miksi kollu demm – minn rasu sa saqajh*"[11]. Kemm hu hekk, dawn il-persuni jidhru jaġixxu aggressivament bħallikieku sejrin jaggredixxu lil xi persuna li ma tinqabadx fil-viżwali tal-filmat: il-Qorti tqis li din il-parti mill-filmat hija konsistenti mal-verzjoni tal-imputat Josef Bonnici meta stqarr fl-interrogazzjoni tiegħu illi ra lil Darren Sawyer u Aaron Vella ħerġin mill-isqaq jiġru u Darren waqa' fuq it-taraġ.

---

[10] L-Ispettur Ritienne Gauci xehdet illi kienet niżżlet hi stess fuq pendrive il-filmati mill-każin dakinhar tal-inċident, u trasferiethom hi stess ukoll fuq CD li ġie esebit minnha fl-atti proċesswali (Dok. RG11).
[11] Ara xhieda ta' PS902 Carol Spiteri, b'riferenza għal Darren Sawyer. Xhieda tad-9 ta' Novembru 2022.

Anke jekk għal mument jipi aċċettat li minn eżami tal-filmati tal-cameras ġewwa l-każin, l-imputat Aosama Elnaib jidher li kellu argoment ma' Aaron Vella u taw daqqiet ta' ponn lil xulxin, l-imputat m'huwiex mixli li kkaġuna offiżi volontarji fuq Darren Sawyer mhux fuq Aaron Vella. F'kull każ jibqa' l-fatt illi l-persuni li jidhru fil-filmat qatt ma ġew identifikati kif imiss quddiem il-Qorti u l-filmati ma kienux intwerew lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni matul id-depozizzjoni tagħhom biex jidentifikaw pożittivament lil Darren Sawyer fl-istess filmati u lill-imputati jew wieħed minnhom, biex b'hekk jiġi stabbilit ness bejn l-egħmil tal-imputati u l-istess vittma. Fuq kollox, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bħala xhud okulari lil ċertu Maxine li, skont Irene Debono, kienet magħha u ma' Darren Sawyer u Aaron Vella u evidentement kienet preżenti matul l-inċident.

Kollox magħdud, hija l-fehma konvinta tal-Qorti li wieħed ma jistax serenament jgħid li l-provi li ġew ippreżentati jippuntaw kollha u b'mod univoku lejn l-imputat Aosama Elnaib bħala l-persuna li kkaġuna l-offiżi fuq Darren Sawyer. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li fil-kamp kriminali l-livell ta' prova li jrid jintlaħaq huwa dak lil hinn minn kull dubju raġonevoli, din il-Qorti hija tal-fehma li l-provi u x-xhieda proċesswali fl-assjem tagħhom inisslu dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-imsemmi imputat għall-offiżi kkaġunati lil Darren Sawyer.

Il-Qorti, biex tista' ssib ħtija għar-reati addebitati, trid ikollha quddiemha provi konkreti u konklussivi li jinstawraw fiha konvinċiment morali li l-ko-imputati li għandha quddiemha, jew wieħed minnhom, ikkaġuna l-offiżi li ġew iċċertifikati fuq il-persuna ta' Darren Sawyer. Kif sewwa ġie rilevat mid-difiża waqt it-trattazzjoni, l-imputati ma ġewx mixlija speċifikatament li kienu ħadu parti attiva fi ġlieda aċċidentali (li fiha weġġa' l-istess Darren Sawyer) u f'kull każ, l-Avukat Ġenerali ma indikax, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ir-reat taħt l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser illi għas-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, kif indikat fir-rinviju għall-ġudizzju, il-prova speċifika u konklussiva li tistabbilixxi l-identita' tal-aggressur li b'egħmilu proprju, ikkaġuna l-offiżi li sofferti mill-vittma, bħala l-aġent tar-reat, tibqa' imperattiva.

Iżda dan il-livell ta' prova ma ntlaħqitx f'dan il-każ mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti tqis ma tistax issib ħtija f'ebda waħda mill-imputati għar-reati taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9 mingħajr ma tirkorri għal spekolazzjoni u konġetturi li, madankollu, ma għandhomx post fid-determinazzjoni ta' ħtija kriminali.

Billi għalhekk il-Qorti ma riskontratx provi sodisfaċjenti li jeliminaw kull dubju raġjonevoli li l-imputati jew xi ħadd minnhom b'xi għemil jew ommissjoni, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq Darren Sawyer, huma ma jistgħux jinsabu ħatja ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Illi għall-istess raġunijiet fuq ikkunsidrati, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'xi ħadd mill-imputati odjerni li kienu ħebbew għal Darren Sawyer biex jinġurjawh, idejquh jew jagħmlulu l-ħsara. Kif diġa' ngħad, il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda provi li jistabbilixxu li Josef Bonnici kellu xi kuntatt ma' Darren Sawyer u kieku ma kienx stqarr hu stess li kien preżenti fuq il-post, il-presenza tiegħu fuq il-lok tal-ġlieda ma jirriżultax mill-provi l-oħra proċesswali.

Lanqas ma tressqu provi konklussivi li jikkonvinċu lill-Qorti fil-grad meħtieġ li Aosama Elnaib kien ħebb għal Darren Sawyer. Dan ġie eskluż mill-vittma nnifsu, kif ukoll mill-istess imputat fl-istqarrija tiegħu fejn spjega x'wassal għall-ġlieda u fisser li kien Aaron Vella li kien ħebb għalih u tah daqqa ta' ponn meta ħareġ mit-toilets. Minn imkien ma jirriżulta li l-imputat ħebb għall-vittma, wisq inqas biex idejqu, jinġurjah jew jagħmillu ħsara.

Fi kwalsiasi każ, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika b'mod mhux korrett l-artikolu tal-liġi li suppost kellu jirrispekkja l-kliem tat-tieni imputazzjoni għaliex minflok l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, indika l-

artikolu 339(d) tal-istess Kap. 9 mingħajr indikazzjoni tas-subartikolu li fih il-paragrafu (d) li jipotetizza r-reat addebitat.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati ġew mixlija wkoll li kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Dan ir-reat huwa fil-Liġi Ingliża magħruf bħala '*a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt xi egħmil tal-imputat li jseħħ fil-pubbliku.

In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio Galea**[12], fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Imbagħad, f'sentenza iktar riċenti tal-5 ta' Mejju 2005[13] , l-istess Qorti reġgħet trattat l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-***

[12] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.
[13] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

***ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*** (emfasi ta' din il-Qorti)[14]

Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-aġir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fiżika tagħha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra.

Il-Qorti tirribadixxi l-konsiderazzjonijiet li għamlet in konnessjoni mal-mankanza ta' provi dwar xi involviment tal-imputat Josef Bonnici fil-ġlieda u l-kommossjoni li seħħew ġewwa u barra l-każin 'tal-Bagri' fl-14 ta' Awwissu 2022 u tapplikahom għall-fini tad-determinazzjoni dwar il-ħtija, jew aħjar, in-nuqqas tal-ħtija tiegħu għar-reat taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Illi fir-rigward tal-imputat Aosama Elnaib, kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat sodisfaċjentement illi huwa kien involut f'argoment ma' Darren Sawyer u jew Aaron Vella, huwa wkoll ippruvat li hu u Aaron Vella iġġieldu ma' xulxin ġewwa l-każin. L-imputat Aosama Elnaib ammetta fl-istqarrija illi kien involut fl-argoment ġewwa l-każin u huwa wkoll ippruvat abbundantement mill-filmati ta' ġewwa l-każin li dan l-argoment qanqal kommossjoni kbira fost il-persuni fil-każin. Jirriżulta wkoll illi għadd ta' uffiċjali tal-Pulizija kellhom jintervjenu biex jipprovaw iżommu l-kalma.

---

[14] Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:- "*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-fatt illi l-imputat Aosama Elnaib mhux qed jinsab ħati li kkaġuna huwa stess l-offiżi gravi fuq il-persuna ta' Darren Sawyer, ma jfissirx li ma kienx fost il-persuni li kienu qed jiġġieldu ġewwa l-każin jew li ma kienx involut attivament fl-istorbju, għajjat u tqanqil li din il-ġlieda nisslet, kif jirriżulta del resto mill-provi senjatament il-filmati.

Għaldaqstant, applikat l-insenjament in materja għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat Aosama Elnaib kien involut f'taqtigħa vjolenti liema taqtigħa qajjmet kommossjoni li bla dubju, anke oġġettivament, hija kapaċi tixpruna fil-persuni preżenti ċertu qies ta' tħassib għall-inkolumita' tagħhom jew ta' ħaddieħor, kif del resto jirriżulta mix-xhieda ta' Irene Debono kif ukoll tal-uffiċjali tal-Pulizija li waslu fuq il-post biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

**Għal dawn il-motivi:-**

**Fir-rigward ta' JOSEF BONNICI, ma ssibu ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonjiet lilu addebitati dwar ir-reati taħt l-artikoli 214, 215, 218, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Fir-rigward ta' AOSAMA ELNAIB, filwaqt li ma ssibux ħati tar-reati addebitati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonjiet dwar ir-reati taħt l-artikoli 214, 215, 218 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro (€58).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**